MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 963/2005

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**Vs**

**Karen Louise Thelma Buhagiar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm852.93c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta skond Client Contract Number 1000442 in rigward ghal servizzi lilha rezi u dana fix-xhur bejn Settembru 2004 u Novembru 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm852.93c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------